

# AWGURI TA' MILIED QADDIS

« Il-Milied dejjem iġib miegħu ferħ, kif ukoll sens qawwi ta' altruiżmu f'ħafna li f'dan iż-żmien jagħtu minn ħinhom u flushom għall-oħrajn. Iġib miegħu wkoll sens ta' solidarjetà speċjalment ma' min hu waħdu, qed ibati, marid, nieqes mill-imħabba, imweġġa' u mwarrab. » *(Mill-Pastorali tal-Isqfijiet għall-Avvent 2008)*

- Hu sewwa li nifirħu. Il-ferħ, wara kollox, hu wieħed mid-doni li tana Alla permezz ta' Kristu. Nifirħu, imma mhux weħidna. Niftakru f'dawk li għal xi raġuni jew oħra ma jistgħu jifirħu: min hu marid, min m'għandux flus biex jagħti rigali lil uliedu, min m'għandux dar...
- Nagħtu flus b'sens ta' solidarjeta' lil min hu fil-bżonn, u mhux biex nirbħu xi lotterija! Mal-għotjiet ta' flus, forsi hemm min qed jistenna żjara minn għandna, jew il-maħfra għal weġgħa ta' tant snin ilu. Dawn ukoll huma sinjali ta' mħabba u solidarjeta'.

« L-istorja ta' Betlem mhijiex storja tat-tfal. Lanqas ma hi storja ta' elfejn sena ilu u daqshekk. Hi storja li ġrat u għadha tiġri. Hi storja li llum għad għandha ħafna x'tgħidilna fuqna nfusna. » *(Mill-Pastorali tal-Isqfijiet għall-Avvent 2008)*

- Il-Milied hu żmien ir-rigali: niftakru fl-ikbar rigal li rċevejna: Ġesu, l-Iben ta' Alla l-ħaj! Intom ġenituri, flimkien mar-rigali, agħtu lil uliedkom il-fidi fi Kristu! Itolbu flimkien magħhom fid-dar, akkumpanjawhom għall-quddiesa tal-Ħadd, uru aktar interess fil-mixja tal-fidi tagħhom: dak ikun tassew rigal tal-Milied!

« "**Ġie f'daru u niesu ma laqgħuhx**" (Ġw 1, 11). Alla fil-ħajja ta' ħafna m'għadux relevanti. Lil min jgħid li ma jemminx nixtiequ nagħmlulu stedina biex ma jibżax mir-riskju tal-fidi u jagħmel il-mixja flimkien mal-komunità Nisranija fil-Knisja. Imma lil dawk li jistqarru li għadhom jemmnu, inħeġġuhom biex il-fidi tagħhom f'Alla jsarrfuha b'mod li tkun tidher, tinħass, u ġġib bidla madwarhom ukoll. » *(Mill-Pastorali tal-Isqfijiet għall-Avvent 2008)*

- Fil-5 ta' Jannar 2009 għadd kbir ta' "missjunarji" se jibdew iżuru l-familji kollha ta' Għawdex. B'hekk ngħixu t-tieni mument tal-Missjoni Djoċesana. Nilqgħu din iż-żjara bħala l-istedina li għamlulna l-isqfijiet tagħna; anzi, bħala stedina li qed jagħmilna l-istess Ġesu bit-twelid tiegħu f'dan il-Milied.

*Dun Giovanni Curmi, Segretarju Pastorali*

***Mons Isqof Mario Grech jawgura Milied qaddis lil kull min jinsab fil-gżira Għawdxija, u jitlob lill-Mulej ibierek il-familji tagħna b'kotra ta' grazzji mis-sema.***

## It-Talba tal-ġimgħa

Mulej Ġesu' agħmel li nkun inħobb is-skiet intern biex bħal Marija nisma' t-tnebbieh ta' l-Ispirtu Qaddis ġewwa qalbi.

gozopress • 21551534





# Bullettin tal-Ħadd

Sena Pawlina 2008 - 2009

Ir-4 Ħadd tal-Avvent • Sena B • L-40 Sena (2073) • 21 ta' Diċembru 2008


## Ħa jsir minni skond kelmtek



Fis-sitt xahar Alla bagħat l-anġlu Gabrijel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija. L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawwdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima. Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu." Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?" Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġa għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir." Mbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek" U l-anġlu telaq minn quddiemha. (Lq 1, 26-38)



**RIFLESSJONI**

- Qed ngħix taħt id-dell ta' l-Ispirtu Qaddis ta' Alla biex nimtela' bil-grazzja tiegħu ?
- Inħobb nidħol fi djalogu ma' Alla permezz tat-talb tiegħi magħmul fil-ġabra ?
- Niddisponi lili nnifsi billi ninġabar fis-skiet tal-kamra ta' ġewwa ta' qalbi biex din issir għamara għal Alla li jrid jitkellem miegħi?
- Infittex, bħalma għamlet Marija, li dejjem nagħraf aħjar ir-rieda ta' Alla għalija?
- Quddiem ir-rieda ta' Alla, noqgħod intella u nniżżel jew nagħmel att ta' fidi u ngħid "Iva" b'ġenerożita' ma' Alla?